**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSEPH MIFSUD**

**B.A. (LEG. & INT. REL.), B.A. (HONS.), M.A. (EUROPEAN), LL.D.**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Priscilla Caruana Lee)**

**vs**

**Mark Gaffarena**

**Seduta tad-Distrett Valletta**

**Illum 18 ta' Jannar, 2016**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Mark Gaffarena** detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 447176 (M) billi huwa akkuzat talli nhar it-22 ta' Mejju, 2015, ghall-habta tal-12.40pm, gewwa Putirjal, il-Furjana:

1) Volontarjament ikkaġuna offiża ta' natura ħafifa fuq il-persuna ta' Youness Berrad hekk skond kif ġie ċċertifikat minn Dr Sawer Jaram mil-Isptar Mater Dei.

2) Hebb kontra Youness Berrad sabiex jinġurja, iddejjaq jew jagħmel ħsara lil din il-persuna jew lil ħaddieħor.

3) Kiser volontarjament il-bon-ordni jew il-kwiet tal-pubbliku.

4) B'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti, ikkaġuna ħruq, jew għamel xi ħsara jew ħassart jew għarraqt xi ħaġa u ċioé nuccali tal-vista ta' Youness Berrad.

Il-Qorti giet ġentilment mitluba sabiex tipprovdi għas-sigurtà tal-persuni offiżi jew individwi oħra jew għaż-żamma tal-ordni pubblika, jew għall-iskop ta' protezzjoni tal-persuna leża jew ta' individwi oħra minn fastidju jew imġieba oħra li tikkaġuna biża ta' vjolenza, toħroġ ordni ta' protezzjoni kontra l-akkużat.

Illi din il-kawza qeghda tinstema' flimkien mal-kawza il-**Pulizija vs Youness Berrard**.

Semghet il-provi inkluz ix-xhieda tal-imputat.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti.

Semghet is-sottomissjonijiet finali maghmula mill-prosekuzzjoni u d-difiza.

**Ikkunsidart:**

KONSIDERAZZJONIJIET LEGALI

**Apprezzament tal-provi fl-assjem**

Il-Qorti tissottolinea li huwa ben risaput li l-apprezzament tal-provi ghandu jsir mhux biss b'mod spezzettat w individwali izda l-provi ghandhom jigu analizzati flimkien fl-assjem taghhom sabiex wiehed jara x'inferenzi jew interpretazzjoni ragjonevoli u legali jista' jaghti lil dawk il-provi hekk interpretati. Ma tistax tinstab htija jew nuqqas ta' htija semplicement fuq analizi ndividwali jew separata tal-provi. Dawn ghandhom jigu kkunsidrati kemm individwalment kif ukoll komplessivament. Dan hu appuntu l-ezercizzju li sejra taghmel din il- Qorti, u cioe' li tezamina bir-reqqa kollha l-provi prodotti f'dan il-kaz.

Il-Qorti pero' thoss li fic-cirkostanzi ghandha tara jekk il-fattispecie tal-kaz jammontawx ghar-reati addebitati lill-imputat.

Din il-Qorti trid tistrieh fuq il-provi mressqa quddiemha u xejn aktar. Il-Qorti mhix xoghlha ssewwi n-nuqqasijiet tal-prosekuzzjoni.

Il-prosekuzzjoni ressqet biss biex jixhdu *viva voce* lil Youness Berrad u Mark Gaffarena.

Ic-certifikati medici esebiti jindikaw li z-zewg imputati garbu griehi fl-incident.

Ghalkemm waqt li kien qieghed jinstema' l-kaz Youness Berrad irrefera ghal *cctv footage* tal-incident dan ma giex esebit mill-prosekuzzjoni u ghalhekk il-Qorti jekk jezisti dan il-footage ma ngabx a konjizzjoni taghha.

Ma tressqitx xhieda biex jikkonfermaw id-danni allegati mill-partijiet hlief stimi wahda dwar flok tad-ditta u ohra ta hsara f'nuccali u ircevuta. Referenza ssir ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-24 ta' Frar 2003 fl-ismijiet Il-**Pulizija v. Joseph Zahra**, fejn gew elenkati l-metodi kif jista' jigi determinat il-valur ta' hsarat. F'dik is-sentenza ntqal hekk:

*"Fin-nuqqas ta' qbil bejn il-partijiet u salv dak li jinghad fis-subartikolu (2) ta' l-artikolu 325, biex tigi determinata l-hsara ghall-finijiet ta' l-artikolu 325(1) tal-Kodici Kriminali (moqri ma' l-artikolu 335 ta' l-istess Kodici) din trid (i) jew tigi apprezzata direttament mill-gudikant, fis-sens li jekk il-gudikant ikun jifhem bizzejjed jista' jiddetermina huwa stess l-ammont tal-hsara billi jezamina l-oggett in kwistjoni; jew (ii) il-parti leza tghid kemm effettivament hallset biex issir it-tiswija ta' jew fi l-oggett; jew (iii) billi jitqabbad perit mill-qorti biex jaghti l-fehma tieghu dwar l-ammont tal-hsara."*

Il-Qorti mhix f' pozizzjoni li tiddetermina hi l-ammont tal-hsara.

Fix-xhieda tieghu Youness Berrad mistoqsi aktar minn darba meta sehh l-incident u l-hin huwa naqas li jaghmel dan. Huwa indika li l-incident sehh f'xi jum fApril meta skont l-akkuza migjuba kontra l-imputati hemm imnizzla dik tal-22 ta' Mejju 2015.

Illi s-subartikolu (2) ta' l-artikolu 360 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi li:

*"Ic-citazzjoni ghandha ssemmi car il-persuna mharrka, u ghandu jkun fiha, fil-qosor, il-fatti ta' l-akkuza, bil-partikularitajiet ta' zmien u ta' lok li jkunu jinhtiegu jew li jkunu jistghu jinghataw......"*

Illi fis-sentenza mghotija fit-18 ta' Ottubru 2005 mill-Qorti ta'l-Appell Kriminali fil-kawza f'l-ismijiet **Pulizija vs John Mary Briffa**, fejn l-appellant f'dik il-kawza gie akkuzat b'reati li allegatament sehhew *"ghall-habta tas-7.30 p.m." mentri l-provi kienu jirrigwardaw incident li sehh "ghall-habta tas-7.30 a.m.",* intqal li:

*"L-imputazzjoni ghalhekk kif impostata qed tirreferi ghal xi haga li allegatament grat tnax-il siegha wara u l-ewwel Qorti hekk sabet lill-appellant hati. Mill-provi ma jirrizultax li gara xi incident fil-hin indikat f'l-imputazzjoni u ghalhekk l-appellant ma setax jinsab hati kif fil-fatt*

*insab. Il-frazi "ghall-habta ta' tindika hin approssimattiv u tinkludi hin vicin dak imsemmi f'l-imputazzjoni izda zgur mhux tnax-il siegha wara. Il-prosekuzzjoni qalet li huwa ovvju li dan kien zball dattilografu. Jekk inhuwa hekk, il-prosekuzzjoni kellha tiehu hsieb taghmel jew titlob il-korrezzjoni opportuna tempestivament"*

Illi dan l-istess principju gie riaffermat mill-istess Qorti ta'l-Appell Krminali f'diversi kawzi ohra inkluz dawk fl-ismijiet Il-**Pulizija vs Warren Piscopo** u **Pulizija vs Rita Thuema**, it-tnejn decizi fid-19 ta' Ottubru 2011.

Fil-kaz odjern id-data li nghatat fix-xhieda kienet xi jum fApril meta l-kaz jidher li sehh fl-22 ta' Mejju 2015. F'dan l-kaz mhux differenza fil-hin kien hemm, izda xahar differenza.

**Versjonijiet differenti**

Illi ghalhekk m'hemmx dubbju li kollox jiddependi fuq il-kredibilita` tax-xhieda w dan billi bhala gudikant il-Qorti sejra tqis l-imgieba, l-kondotta u l-karattru tax-xhieda, tal-fatt jekk ix-xhieda ghandhiex mis-sewwa jew hix kostanti, w ta' fatturi ohra tax-xhieda tieghu u jekk ix- xhieda hix imsahha minn xhieda ohra w tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u dan ai termini tal-Artikolu 637 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti hi rinfaccjata b'zewg verzjonijiet konflingenti ta' kif sehh il-kaz. Youness Berrad issemmi li l-imputat Mark Gaffarena baqa' ghaddej minn fuq id-dawl ahmar. Il-prosekuzzjoni ma akkuzatx lil Gaffarena b'reati marbuta mat-traffiku u l-Qorti ma tistax izzid hi akkuzi li ma naghtawx minn min qieghed imexxi l-kaz 'l quddiem.

Zgur li kienu skambjati xi battuti bejn il-partijiet, u mic-certifikati medici jidher li t-tnejn garbu griehi hfief.

Illi fis-sentenza fl-ismijiet Il-**Pulizija vs. Jonathan Micallef** moghtija fit-2 ta' Frar 2012, il-Qorti ta' l-Appell Kriminali qalet hekk:

> *Huwa minnu illi jista' jkollok sitwazzjoni fejn numru ta' xhieda qeghdin jaghtu verzjoni differenti minn ohrajn illi xehdu qabel. B'daqshekk ma jfissirx illi ghax hemm xhieda differenti bil-fors hemm konflitt li ghandha twassal ghal liberatorja. Fil-kawza* ***Pulizija vs. Joseph Thorn*** *deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fid-9 ta' Lulju 2003, il-Qorti qalet '... mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghal liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l-Qorti f'kaz ta' konflitt ta' provi, trid tevalwa il-provi skond il-kriterji annuncjati fl-Artikolu 637 tal-Kap. 9 u tasal ghal konkluzzjoni dwar lil min trid temmen u f'hiex trid temmen jew ma temminx'.*

Illi l-Qorti tinnota li fis-sentenza fl-ismijiet Il-**Pulizija vs. John Pace** deciza fil-31 ta' Ottubru 2013, il-Qorti ta' l-Appell Kriminali rriteniet is-segwenti:

> *"Ma hemm xejn hazin illi l-Qorti tistrih fuq xhud wiehed biss kif del resto hija ntitolata li taghmel permezz ta' l- Artikolu 638(2) tal-Kapitolu 9. Dan l-Artikolu jghid illi xhud wiehed jekk emmnut minn min ghandu jiggudika fuq il-fatt hija bizzejjed biex taghmel prova shiha u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt gie ppruvat minn zewg xhieda jew aktar. Naturalment din ix-xhud tkun trid tigi evalwata fil-kuntest tal-linji gwida moghtija mill-Artikolu 637 tal-Kapitolu 9".*

Il-kompitu ta` din il-Qorti hu li taghmel analizi approfondita tal-provi mressqa mill-partijiet. U wara li taghmel tali ezami, trid taghmel id-domanda jekk il-prosekuzzjoni ippruvatx il-kaz taghha skond il-ligi.

Huwa vera li mhux kull kunflitt fil-provi ghandu necessarjament igib il-liberazzjoni ta` dak jew dik li jkunu gew akkuzati b'reat. Anzi, fejn hemm tali kunflitt, il-Qorti trid tkun aktar attenta fl-analizi taghha biex tara jekk hemmx xi fatt iehor rizultanti mill-atti li jista jixhet dawl fuq ir-rizoluzzjoni tal-kawza.

Din il-Qorti hekk ghamlet u wara tali analizi tinsab f'qaghda tiddikjara illi f'dan il-kaz, mehud kollox flimkien, din il-Qorti ma tpoggietx f'pozizzjoni li fiha tista legittimament tiddikjara l-htija ta` l-imputati skond il-ligi. Qieset kemm qieset ic-cirkostanzi kollha ta` dan il-kaz, din il-Qorti baqghet kolpita minn dubbju. Fi kliem iehor, mehud kollox flimkien, il-prosekuzzjoni ma rnexxilhiex tilhaq il-grad tal-prova rikjest fil-kamp penali sabiex tigi dikjarata l-htija skond il-ligi.

**DECIDE:**

Ghall-mottivi premessi l-Qorti ma ssibx lil imputat hati u tiddikjara lill-imputat Mark Gaffarena mhux hati ta' l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u minnhom tilliberah skont il-ligi.

**Dr. Joseph Mifsud**
**Magistrat**